# 411. Id-Dielja u t-Tina

Id-Dielja qalet lit-Tina:
m'aħniex aħna bħaż-żebbuġa,
ser inżanżnu libsa fina,
mhux dejjem b'libsa maħmuġa;
'mma qabel nixtruha naraw lill-barbier
dak raġel li magħna kien dejjem sinċier,
ħalli nqarwżu ftit ix-xagħar,
ħalli nqarwżu ftit ix-xagħar,
zikk zikk – zikk zikk
zikk zikk – zikk zikk.

Daħlu t-tnejn bil-wisq ferħana
fil-ħanut tad-drappijiet;
'tina 't-tnejn libsa ħadrana,
toqgħodx tara l-prezzijiet!
sibhielna ftit ċara fis-sajf għax tiskura,
imbagħad fil-ħarifa tixxejjer għall-ħmura,
aqta' d-drapp ħalli nħituha,
aqta' d-drapp ħalli nħituha,
tlaqq tlaqq – tlaqq tlaqq
tlaqq tlaqq – tlaqq tlaqq.

U lid-dielja ftit għenieqed
fittex vjola ħa nżewquha,
'tiha wkoll tużżana frieket
sabiex fuqhom nifirxuha;
lit-Tina fittxilha buttuni mdaqqsin,
jew bojod jew vjola, 'mma mhux imħalltin;
xħin tkun lesta xi tħaxwix
xħin tkun lesta xi tħaxwix!
xix xix – xix xix
xix xix – xix xix.

Imbagħad marru għand tal-għasafar
'tina x'ekra jew ġojjin,
ħalli jsaffru b'qabda sfafar,
qalb il-friegħi ħadranin;
u jgħannu tal-libsa ħadrana s-sbuħija
u jgħidu min l-isbaħ fil-ġnejna xemxija!
Aktar minna min ferħan?
Aktar minna min ferħan?
pis pis – tuwit tuwit
pis pis – tuwit tuwit.